

32004D0624

L 280/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.8.2004

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-19 ta' Awwissu 2004**

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/815/KE dwar miżuri li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' ġugarelli u affarijiet għat-tfal li huma maħsubi biex jiddaħħlu fħalq tfal taħt it-tliet snin u li jkunu magħmula minn PVČ artab li jkun fiha ċerti pħthalates**

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3071)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2004/624/KE)

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/95/KE tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (¹) u partikolarmen l-Artikolu 13(2) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni adottat, fis-7 ta' Diċembru 1999, id-Deċiżjoni 1999/815/KE (²) ibbażata fuq l-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/59/KEE (³), li teħtieġ lill-Istati Membri li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' ġugarelli u affarijiet għat-tfal li huma maħsuba biex jiddaħħlu fħalq tfal taħt it-tliet snin u li jkunu magħmula minn PVČ artab li jkun fiha waħda jew aktar mis-sustanzi di-iso-nonyl phthalate (DINP), di-(2-ethylhexyl) phthalate (DEHP), dibutyl phthalate (DBP), di-iso-decyl phthalate (DIDP), di-n-octyl phthalate (DNOP), u butylbenzyl phthalate (BBP).
- (2) Il-validità tad-Deċiżjoni 1999/815/KE kienet limitata għal tliet xħur, fi qbil mad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 92/59/KEE. Għalhekk, il-validità tad-Deċiżjoni kellha tiskadi fit-8 ta' Marzu 2000.
- (3) Meta għiet adottata d-Deċiżjoni 1999/815/KE, kien tbassar li, jekk meħtieġ, tittawwal il-validità tagħha. Il-validità tal-miżuri adottati skond id-Deċiżjoni 1999/815/KE ittwawlet taħt bosta Deċiżjonijiet għal perjodu addizzjonali ta' tliet xħur kull darba, u għall-aħħar darba għal perjodu addizzjonali ta' sitt xħur, u issa għandha tiskadi fl-20 ta' Awwissu 2004.
- (4) Seħħew xi żviluppi importanti dwar il-validazzjoni tal-metodi għall-verifika taċ-ċaqliq tal-phthalates, il-valutazzjoni tas-sigurtà tas-sustanzi sostituti, u l-valutazzjoni komprensiva tar-riskju ta' dawn il-phthalates taħt ir-

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (⁴). Il-Parlament u l-Kunsill qegħdin jikkunsidraw miżuri permanenti sabiex jiġu affrontati r-riskju ta' dawn il-prodotti, iżda aktar ħin huwa meħtieġ sabiex jittlest id-deliberazzjonijiet dwar is-suġġett, l-aktar sabiex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi ġoddha kollha.

- (5) Sakemm jiġi adottati miżuri permanenti mill-Parlament u l-Kunsill, u sabiex jiġi garantiti l-għanijiet tad-Deċiżjoni 1999/815/KE u t-titwil tagħha, huwa meħtieġ li tinżamm il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti msemmija.
- (6) Xi Stati Membri implementaw id-Deċiżjoni 1999/815/KE b'miżuri applikabbi sa l-20 ta' Frar 2004. Huwa għalhekk meħtieġ li tīgi żgurata li tittawwal il-validità ta' dawn il-miżuri.
- (7) Huwa għalhekk meħtieġ li tittawwal il-validità tad-Deċiżjoni 1999/815/KE sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri iżommu l-projbizzjoni prevista f'dik id-Deċiżjoni.
- (8) L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, li rrevoka u ssostitwixxa d-Direttiva 92/59/KE mill-15 ta' Jannar 2004, jistqarr li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jeħtieġu li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipprevvenu riskji serji minn ċerti prodotti se jkunu validi għal perjodi li ma jaqbżu sena u li jistgħu jiġi kkonfermati b'perjodi addizzjonali li l-ebda wieħed minnhom ma jaqbeż sena. Huwa xieraq li tittawwal il-validità tad-Deċiżjoni 1999/815/KE għal perjodu ta' tlett xħur, sabiex ikun hemm ħin bizzżejjed għall-progress bil-miżuri permanenti msemmija taħt ir-reċitazzjoni (⁴), filwaqt li tīgi żgurata l-possibilità ta' eżami mill-ġdid, fi żmien xieraq, tat-tul tal-validità tad-Deċiżjoni.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/95/KE,

(¹) ĠU L 011, tal-15.01.2002, p. 4.

(²) ĠU L 315, tad-09.12.1999, p. 46. Deċiżjoni kif emendat l-aħħar mid-Deċiżjoni 2003/819/KE (ĠU L 308, tal-25.11.2003, p. 23)

(³) ĠU L 228, tal-11.08.1992, p. 24. Direttiva emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284 tal-31.10.2003, p. 1).

(⁴) ĠU L 84, tal-05.04.1993, p. 1. Regolament emandat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 3*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/815/KE il-kliem "l-20 ta' Awwissu 2004" huma mibdula mill-kliem "l-20 ta' Novembru 2004".

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-deċiżjoni u jippubblikaw dawn il-miżuri. Għandhom minnufih jgħarfu lill-Kummissjoni b'dan.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-19 ta' Awwissu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---